MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru 737/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**
**vs**
**Nicholas Mario Lepro Padro**
**Iker Baranda Baello**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati detenturi ta' karta ta' identita' numru AAC027803 u AAB879582 rispettivament, akkuzati talli:

nhar id-19 ta' Lulju 2010 f'xi hin bejn 8.15 a.m. u 9.00 a.m. waqt li kienu qeghdin fil-lukanda Coastline fi Triq il-Kosta Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar u fil-vicinanzi:

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma tixtieqx l-vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni

moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u cioe’ fuq il-persuni ta’ PS 1314 Raymond Ambrogio, WPS 198 Jennifer Caruana u PC 196 Dion Agius u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 96 tal-Kap 9.

2. U iktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkagunaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq PS 1314 Raymond Ambrogio u WPS 198 Jennifer Caruana u PC 196 Dion Agius, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-ervizz u dan ai termini ta’ l-Artikoli 95 tal-Kap 9.

3. U iktar talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9.

4. U iktar talli kisru il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku, b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9.

Lil Nicholas Mario Lepori Padro wahdu akkuzat talli:

5. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta’ diretturi tal-kumpanija Coastline Hotel, li jinsab fil-limiti tan-Naxxar, liema hsara teccedi iktar minn 116.47 Ewro izda ma taqbizx 1164.69 Ewro

6. U iktar talli qal kliem oxxen fil-pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Rat il-verbal ta’ llum.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fuq liema insistew anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti qeghda hawnhekk titratta ma zewg guvnotti ta' 17 u 16-il sena rispettivament li huma studenti li jigu Malta biex jistudjaw l-Ingliz. Ghalkemm l-agir taghhom mhux gustifikat, il-Qorti tifhem li l-incident, li kien l-origini ta' l-akkuzi riportati kontra taghhom, kien frott tal-bluha u l-esuberanza ta' tfal ta' dik l-eta. Kunsidrat kollox u mehud l-incident fil-kuntest tieghu, kif ripostat fl-istqarrijiet rispettivi taghhom mhux kontradetti, wara li rat l-Artikolu 95, 96, 338 (ee) (dd), 325 (b), 17 u 37 tal-Kap 9 stante l-ammissjoni volontarja u inkundizzjonata taghhom, tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor punibbli bi prigunerija ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------